

Brussell, 16 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8820/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0283 (NLE)

AELE 28
CH 14
AGRILEG 69
VETER 41
AGRI 226

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|------------------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 15460/17 |
| Nru dok. Cion: | 14047/17 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 1/2018 dwar l-emendar tal-Appendiċi 6 tal-Anness 11 għall-Ftehim – <i>Adozzjoni</i> |

1. Fis-6 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, abbażi tal-Artikolu 207(4) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.
2. L-għan tal-proposta huwa li tiġi estiża b'mod indefinit il-possibbiltà li l-Konfederazzjoni Żvizzera tidderoga b'ċerti kondizzjonijiet mill-eżami għall-preżenza tat-*Trichinella* fil-karkassi u fil-laħam tal-ħnieżer domestiċi. Minħabba li l-proposta ġiet ippreżentata tard, ma kinux possibbli l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill u l-iffirmar sussegwenti tal-ftehim qabel tiskadi d-deroga mogħtija preċedentement.

¹ 14047/17 + ADD 1

3. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Veterinarji (Grupp Potsdam) fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017. Wara l-parir tas-Servizz Legali tal-Kunsill, id-delegazzjonijiet qablu li t-test għandu jiġi rivedut biex jittieħed kont tal-ħtieġa li l-proposta ta' Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2017, kif ukoll biex tiġi korretta referenza għal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE. Il-Presidenza ċċirkolat abbozz rivedut² fis-6 ta' Diċembru 2017. Wara proċedura informali bil-miktub³, l-abbozz rivedut tqies li kien appoġġat b'mod unanimu mid-delegazzjonijiet.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) ġie mgħarraf fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2017, fejn ma tqajjem ebda kumment ulterjuri mid-delegazzjonijiet. Sussegwentement, ir-referenzi għal-leġislazzjoni Żvizzera ġew iċċekkjati b'mod informali mal-awtoritajiet Żvizzeri, li kkonfermaw l-eżattezza tagħhom fit-2 ta' Mejju 2018.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:
 - jikkonferma l-qbil milħuq fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-test, u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq kif tinsab fid-dok. 14048/17 REV 1 (id-dokument finali li ġie rivedut mill-Ġuristi-Lingwisti).

Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf skont l-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.

² 15460/17

³ WK 14468/17 + ADD 1